# BEATI U QADDISIN....SETTEMBRU

**SAN GILLUS – Eremita u Abbati**
**650 - 710**
**1 ta' Settembru**

Gillus twieled gewwa Ateni fil-Grecja fis-sena 650.



Wara l-mewt tal-ġenituri tiegħu huwa qassam il-ġid abbundanti li wiret mingħand il-ġenituri tiegħu u taħ lill-foqra.

Għal dan l-att ta' tant tjieba dan iż-żagħżugħ kiseb ammirazzjoni minn bosta u din kompliet kibret minħabba wkoll xi mirakli li kien wettaq.

Haġa bħal din ma għoġbitu xejn: la ried tifħir u anqas popolarita'. Minħabba f'hekk ħalla lil pajjiżu u mar Franza bit-tama li jgħix ħajja rtirata.

Sab post fejn seta' jgħix hu ma' Alla fis-solitudni. Fil-foresta huwa waqqaf daru go għar. Quddiem dan l-

ghar kien hemm sigra b'xewk kbir quddiemha. Gillus kien kuntent li jghix fis-silenzju boghod minn kull tifhir tan-nies li seta' jwasslu biex jissupervja. Darba wahda r-re ma' xi nies tieghu marru ghall-kacca u grew wara cerva li harbitilhom u marret issib kenn fil-ghar ta' Gillus fejn soltu kient tmur  taghmillu kumpanija.

Wiehed mis-servi spara vlegga fid-direzzjoni ta' l-ghar bit-tama li joqtolha, izda l-vlegga feriet lil Gillus. Wara li thabtu biex jidhlu, sabu lil Gillus ferut bil-vlegga.

Ir-re b'ton ta' awtorita' talbu jghidlu min kien u x'kienet il-missjoni tieghu hemmhekk. Gillus irrakkontalhom l-istorja ta' hajtu.

Meta semghuha talbuh mahfra u r-re baghat ghat-tobba tieghu biex jiehdu hsieb il-ferita tal-qaddis. Minkejja li Gillus talabhom biex ihalluh wahdu, ir-re tant nissel rispett lejh li kien imur jarrah ta' spiss. Gillus qatt ma ried rigali minghand ir-re, ghalkemm fl-ahhar accetta li r-re jibni monasteru kbir f'dak il-post. Gillus sar l-ewwel abbati tieghu. Wara l-mewt tal-qaddis il-qabar tieghu gewwa l-monasteru sar lok ta' qima kbira u centru tal-pellegrinaggi.